MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tal-25 ta' April, 2005

Numru 914/2003

**Il-Pulizija**
**Spettur Michael Mallia**
**V**

**KEVIN PSAILA**

**Il-Qorti;**

Rat li l-imputat **KEVIN PSAILA** ta' erbgha w ghoxrin sena bin Emanuel u Lorenza nee Hili, imwieled Pieta nhar t-tlieta ta' Mejju 1979 u residenti Flat 1, Leli's Flats, Triq Dun Miju Zarb, Zebbug, detentur tal-karta tal-identita numru 252179M gie mressaq quddiemha akkuzat talli f'Tas Sliema nhar t-tmienja ta' Novembru 2003, ghall-habta tal-hdax ta' filghodu, flimkien ma persuna ohra mhux maghrufa kkommetta serq ta' flus kontanti, kif wkoll cheque book mill-fond numru 196, Triq Manuel Dimech, Sliema, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, bil-lok u bil-valur li jeccedi l-mitt lira maltin izda inqas minn elf lira

maltin u bil-vjolenza ghad-detriment ta' Giuseppe Vassallo anzjan ta' hamsa w tmenin sena.

Talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, bla ordni skond l-ligi t'awtorita kompetenti u barra mill-kazijiet li fihom l-ligi taghti s-setgha lil privat li jarresta lil hati, arresta, zamm jew issekwestra lil imsemmi Giuseppe Vassallo kontra l-volunta tieghu;

Talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, kkaguna griehi ta' natura hafifa fuq il-persuna ta' Giuseppe Vassallo skond ma ccertifika Doctor Mario Grixti MD;

Talli kiser il-provvediment tal-Probation Kap 152 tal-Ligijiet ta' Malta b'sentenzi moghtija lilu mill-Qrati ta' Malta.

Rat d-dokumenti kollha esibiti fosthom l-artikoli mibghuta mill-Avukat Generali nhar s-sebgha ta' Dicembru 2004 a fol 157 tal-atti sabiex din l-kawza tigi trattata bi procedura sommarja fin-nuqqas t'oggezzjoni da parti tal-imputat.

Rat li l-imputat ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha fuq riferita ta' gudikatura kriminali kif jirrizulta mill-verbal tal-hmistax ta' Marzu 2005 a fol 166 tal-atti odjerni.

Semghet lix-xhieda kollha prodotta mill-Prosekuzzjoni.

Rat l-atti kollha tal-kawza inkluz il-process verbal relatat ma 'l fuq imsemmija reati redatt mill-Magistrat Dottor Jacqueline Padovani Grima [fol 53 et seq].

Rat is-sentenzi esibiti a fol 114 et seq tal-atti markati bhala dokumenti SM 1u SM 2 moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) fil-konfront tal-imputat odjern.

Semghet lid-Difiza tiddikjara li qed tezenta lil Prosekuzzjoni mill-htiega li tressaq xhieda dwar dawn l-istess sentenzi u dan fis-seduta tat-tlieta w ghoxrin ta' Gunju 2004 [fol 128].

Semghet lil partijiet jittrattaw il-kawza fis-seduta tal-hmistax ta' Marzu 2005.

Ikkunsidrat:

Illi **nhar t-tmintax ta' Novembru 2003 xehed l-Ispettur Michael Mallia** [fol 11] fejn qal li nhar t-tmienja ta' Novembru 2003, kien duty officer s-CID u ghal habta tal-hdax w ghoxrin ta' filghodu kien gie nfurmat li kienet dahlet telefonata l-control room fejn kien hemm informazzjoni li kienet ghadha kemm sehhet serqa f'196, Triq Manuel Dimech, Sliema u li waqt din s-serqa kien gie aggredit Giuseppe Vassallo anzjan ta' hamsa w tmenin sena. Qal li hu mar fuq l-post u tkellem mal-vittma li spjiegalu li ftit qabel kien mar il-bank jsarraf cekk tal-pensjoni tieghu u kif kien qed jirritorna d-dar bil-mixi ftit passi boghod mid-dar fejn joqghod, kif fetah il-bieb ta' barra, gew zewg persuni fuqu w imbuttawh 'l gewwa. Ix-xhud kompla jghid li dan l-anzjan kien gie nvistat minn Doctor Grixti mill-Poliklinika ta' Tas Sliema li ccertifikah li kellu griehi ta' natura hafifa. Qal li l-vittma kien qallu li kif dawn dahlu gewwa ghalqu l-bieb u tefghuh mal-art, rabtuh bi qmis tal-komma twila minn saqajh u wara talbuh il-flus. Ix-xhud kompla jghid li l-vittma kien qallu li hu kien qalilhom li flus ma kellux u wara li dawn fittxewlu sabulu madwar mija u sebghin lira li kien ghadu kif gab mill-bank wara li sarraf cekk u xi ghoxrin lira ohra li kienu fil-but. Qal li kellu wkoll cheque book gdid li kien ghadu kemm gabu mill-Bank of Valletta dak l-hin. Qal li l-vittma kien qallu li l-aggressuri tieghu kienu tnejn lebsin l-iswed u li ma kienx f'posizzjoni li jgharafhom ghaliex ma rax wicchom. Ix-xhud qal li dakinhar stess hu ottjena nformazzjoni mid-dettalji li tawh l-girien dwar l-istatura u fattizzi ohra ta’ l-imputat odjern.

Kompla jghid li hu tkellem mal-imputat d-Depot li ghall-ewwel cahad li kien involut f'dan r-reat pero wara li kien qallu li kienu rawhom xi girien, dan ammetta mieghu li kien wiehed miz-zewg persuni nvoluti f'dan r-reat. Qal li fl-ewwel stqarrija li hu rrilaxxja hu kien ghazel li ma jirrispondi ghal ebda domanda pero fit-tieni stqarrija hu ghazel li jwiegeb u ddecida li jghid il-verita kollha b'dan li

jikxef lil min kien mieghu f'dan r-reat. Ix-xhud qal li l-imputat stqarr mieghu li kien jiddispjacih ta' dak li ghamel u kien lest li jhallas lura l-flus li kienu hadu lil dan l-anzjan. Ix-xhud qal li l-imputat kien stqarr mieghu li hu kien ha nofs il-flus pero ghar-rigward c-cheque book cahad li kien jaf xi haga dwaru. Huwa esibixxa zewg stqarrijiet rilaxxjati mill-imputat, wahda markata bhala dokument MM [fol 15] nhar l-ghaxra ta' Novembru 2003 fis-sebgha w ghaxra ta' filghodu u ohra mmarkata bhala dokument MM 1 [fol 19] dakinhar stess fil-hdax ta' filghodu.

Illi **nhar t-tmintax ta' Novembru 2003 xehed l-allegat vittma Giuseppe Vassallo** [fol 22] fejn qal li dakinhar tal-incident ghall-habta tat-tmienja u kwart ta' filghodu kien ghalaq il-hanut tieghu u baqa sejjer il-Bank of Valletta ta' Prince of Wales Street, Balluta biex jigbor il-pensjoni u tawh cheque book li kien ordna qabel. Qal li qaghad fil-kju u sarraf ic-cekk ta' mija tmienja w hamsin lira u tmenin centemzu u poggihom f' basket li kellu. Qal li baqa sejjer l-banka tal-Lottu numru 82, hareg zewg liri biex jixtri xi biljetti tal-loghob u mar lura l-hanut li qieghed f'numru 176, Triq Manuel Dimech, Sliema u qaghad hemmhekk sal-hdax.
Qal li wara l-hdax hareg u mar ghand tal-grocer u qaghad hemmhekk ftit minuti u mar biex jidhol d-dar. Qal li malli fetah l-bieb tad-dar kien hemm tnejn minn nies lebsin l-iswed li ghalqulu ghajnejh u tefghuh mal-art. Qal li hu m'gharafhomx. Qal li wiehed mill-aggressuri tieghu ghattielu ghajnejh b'idejh u qallu biex ma jghajjatx u ma jitkellimx ghaliex ma kienux marru hemm biex joqtluh jew isawwtuh. Qal li qalulu biex jaghtihom dak li kellu u hu ghal bidu beda jirrifjuta u wara li bdew jrossulu halqu, huma hadulu l-basket li kellu f'idejh li kien jikkontjeni mija hamsa w hamsin lira.

Qal li dak l-hin hu kien mal-art u hadulu wkoll zewg ghaxar lirijiat li kellu fil-but u kwantita ta' fidda, pero mid-dar ma hadu xejn. Qal li qallbu l-kamra tas-sodda pero ma hadu xejn. Qal li rabtulu halqu u ghonqu bi qmis li kellu mdendla, kaxkruh fil-kamra tas-sodda u rabtulu saqajh. Qal li meta nduna li kienu hargu, qam, hareg fuq l-ghatba tal-bieb ta' barra jghajjat ghal ghajjut bil-faxxa marbuta ma

saqajh. Qal li hu ghandu hamsa w tmenin sena u li kien rah Doctor Grixti.

Illi **nhar t-tmintax ta' Novembru 2003 xehed PS 90 Jeffrey Gerada** [fol 24] fejn ikkonferma li l-istqarrijiet markati bhala dokument MM u MM 1 [fol 15et seq] gew mehuda wara li l-imputat, li gharaf presenti fl-awla nghata s-solita twissija. Huwa gharaf l-firma tieghu, dik tal-Ispettur Michael Mallia kif wkoll tal-imputat fuqhom.

Illi **nhar t-tmintax ta' Novembru 2003 xehed PS 513 Anthony Gerada** [fol 26] fejn qal li dakinhar tat-tmienja ta' Novembru 2003 hu kien stazzjonat l-Ghassa Sliema meta dahlitlu telefonata ghal habta tal-hdax w ghoxrin li kien hemm persuna li giet misruqa f'196, Triq Manuel Dimech Sliema. Qal li huma marru fuq il-post fejn sabu lil Giuseppe Vassallo ta' hamsa w tmenin sena bil-qegheda fuq t-tarag li qallu li ftit qabel kien mar jiftah l-bieb ta' barra meta gie aggredit, marbut u misruq mija w hamsin lira li kellu fil-but. Ix-xhud qal li l-unika deskrizzjoni li tah tal-aggressuri tieghu kien li kienu lebsin t-tnejn iswed. Huwa esibixxa l-okkorrenza li hu ha li giet mmarkata bhala dokument PS [fol 28] kif wkoll certifikat rilaxxjat minn Doctor Grixti dwar l-feriti subiti minn Guseppe Vassallo li gie mmarkat bhala dokument PS l [fol 32].

Illi fis-seduta tat-tmintax ta’ Novembru, 2003, l-imputat kien talab lill-Qorti sabiex jigi nominat Probation Officer sabiex ihejji pre-sentencing inquiry report u ghal dan il-ghan il-Qorti innominat lis-Senior Probation Officer Mariella Camilleri.

Illi **nhar d-dsatax ta' Jannar 2004 xehdet Mariella Camilleri** [fol 89] fejn esibit pre-sentencing report dwar l-imputat odjern li gie mmarkat bhala dokument MC.

Minn esami ta’ din ir-relazzjoni jirrizulta li l-imputat trabba fl-assenza tal-missier biologiku tieghu. Minkejja dan pero’ huwa nghata attenzjoni pjuttost adegwata kemm minghand l-omm u anke minghand in-nanniet materni. Dwar l-andament tal-imputat, fil-fehema taghha jidher li Kevin hafna drabi jonqos milli jgharaf il-konsegwenzi ta’ l-

azzjonijiet tieghu u anke spiss jiehu decizjonijiet mghaggla. Huwa ghandu ukoll it-tendenza li jigi influwenzat minn ta' madwaru specjalment mill-hbieb. Fil-fehema taghha rigward dan l-aspett huwa jehtieg li jinghata ghajnuna sabiex isir aktar assertiv.

Iz-zwieg tieghu li minnu twieldu zewgt itfal kien is-sors ta' hafna nstabilita`. Fil-prezent huwa qed jghix separatament minn ma martu filwaqt li bl-ghajnuna ta' ommu qed irabbi lil bintu l-kbira.

Is-Senior Probation Officer ziedet tghid illi matul il-kumpilazzjoni l-livell ta' koperazzjoni tieghu maghha kien wiehed soddisfacenti ferm, billi wera progress fl-attitudni tieghu.

Illi l-ufficjal tal-probation irrakkomandat fid-dawl tal-informazzjoni migbura jehtieg li l-imputat jinghata attenzjoni xierqa kemm lill-aspett ta' karattru kif ukoll dak ta' riabilitazzjoni. Inoltre, irrakkomandat illi l-vittma jinghata kumpens adegwat, issuggeriet li l-imputat jinghata ordni ta' probation.

Illi **nhar t-tnax ta' Marzu 2004 xehed l-Ispettur Michael Mallia** [fol 112] fejn esebixxa zewg sentenzi moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) fil-konfront tal-imputat odjern li gew mmarkati bhala dokument SM 1 u SM 2 [fol 114 et seq] u fejn gharaf lil istess imputat odjern bhala l-istess persuna imsemmija fis-sentenza markata bhala dokument SM 2.
Illi **nhar t-tmienja ta' Novembru 2004 xehed PS 602 Jonathan Attard** [fol 146] u esibixxa r-relazzjoni tieghu li giet mmarkata bhala dokument SOCO [fol 148].

Illi **nhar s-sebgha ta' Frar 2005 xehed PS 171 Karl Glanville** li kkonferma l-konkluzzjonijiet raggunti minnu fir-relazzjoni tieghu esibita fl-atti a fol 148 u lil **John Sacco** espert nominat fl-inkjesta, jikkonferma r-relazzjoni tieghu esibita a fol 59 tal-atti.

**Illi nhar is-sittax ta' Marzu, 2005 xehdet is-Senior Probation Officer Mariella Camilleri** u informat il-Qorti illi

minn meta pprezentat ir-rapport taghha lill-Qorti f'Jannar tas-sena 2004 il-quddiem, l-imputat ghamel progress kbir fis-sens illi qed jahdem regolarment u jinsab fi stadju li jirregolarizza l-posizzjoni tieghu mal-ETC, inoltre waqaf milli japplika ghall-ghajnuna socjali. Qalet ukoll li l-imputat qed jghix San Pawl il-Bahar u ghandu l-kustodju tat-tifla l-kbira tieghu. Ikkonkludiet li l-imputat ghamel progress u ikkonfermat ir-rakkomandazzjoni taghha maghmula lill-Qorti fir-relazzjoni taghha esebita fl-atti u cioe` li l-imputat ghandu jinghata ordni ta' Probation.
Semghet l-ammissjoni tal-imputat ghal akkuzi kollha kif dedotti fil-konfront tieghu kif registrata nhar l-hmistax ta' Marzu 2005 u ghalhekk fuq tali ammissjoni l-Qorti m'ghandhix triq ohra salv li ssibu hati tal-akkuzi kif dedotti kontra tieghu.

Il-Qorti wisset lill-istess imputat b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba tieghu u taghtu ftit taz-zmien biex jekk ried setgha jerga lura minnha u fil-fatt l-ammissjoni tieghu giet registrata fl-atti ta' din il-kawza fl-istess seduta tal-hmistax ta' Marzu 2005 u dana fil-prezenza tal-avukat difensur tieghu.

Illi ghalhekk rinfaccjata b'ammissjoni volontarja, espressa w inkondizjonata da parti tal-imputat, hija sodisfatta li l-imputat ghandu jinstab hati tal-akkuzi kif addebitati fil-konfront tieghu.

Ikkunsidrat:

Illi rigward il-piena idoneja il-Qorti esaminat bir-reqqa l-istqarrija rilaxxjata mill-imputat nhar l-ghaxra ta' Novembru, 2003 mmarkata bhala dokument MM1 a fol 19 u minn apprezzamnet taghha jirrizulta illi l-imputat ikkopera bis-shih mal-Prosekuzzjoni waqt l-investigazzjoni tant li fil-fatt jaghti rakkont dettaljat ta' dak li gara dakinhar tal-hold-up.

Huwa wera id-dispjacir tieghu ta' dak li ghamel dakinhar stess u fil-fatt iddikajra li kien lest li jhallas lill-vittma tad-danni sofferti minnu. Illi bis-sahha tal-koperazzjoni tal-imputat il-Pulizja rnexxilha issolvi l-kaz fi zmien qasir.

Rat illi pero’ ir-reat huwa wiehed serju hafna specjalment fi zminijiet tal-llum fejn qed ikun hemm ripetizzjonijiet taghhom.

Rat ukoll illi l-vittma kien ragel anzjan u l-feriti li sofra bhala risultat ta’ dan l-incident kienu ta’ natura hafifa skond ic-certifikat rilaxxjat mit-tabib Doctor Mario Grixti dokument PS 1 a fol 32 tal-atti.

Rat il-fedina penali tal-imputat a fol 7 u minn esami taghha jirrizulta illi l-imputat diga kiser duffrejh mal-ligi fi tlett okkazzjonijiet fis-sens illi fis-sena 1999 huwa kien istab hati talli ikkaguna feriti ta’ natura hafifa u gie ikkundannat ihallas multa ta’ ghoxrin lira Maltin, fis-sena 2002 instab hati ta’ serq u gie mghoti unconditional discharge u fis-sena 2003 rega instab hati ta’ serq u gie mghoti conditional discharge iehor. Fil-fatt illum jinsab akkuzat talli kiser l-ordni tal-probation li nghatat fit-tmienja w ghoxrin ta’ Marzu, 2003 ghal perjodu ta’ tlett snin.

B’hekk jirrizulta illi l-imptuat ma tghallimx mill-opportunita` mghotija lilu tant li rega qieghed il-Qorti akkuzat bir-reat serjissimu ta’ hold-up fuq ragel anzjan ta’ hamsa w tmenin sena, ta’ sekwestru u talli ikkagunali feriti ta’ natura hafifa fuq l-istess persuna anzjana u talli kiser il-probation order.

Illi l-Qorti ma tistax tittollera sitwazzjoni fejn anzjani ta’ eta` daqshekk kbira bhal dan in esami jigu moltestati, sekwestrati u misruqa meta jkunu fil-paci u kwiet ta’ darhom. Illi tali incident ihalli trauma kbira fuq il-persuna taghhom u zgur li taffettwalhom il-ben essere taghhom.

Din il-Qorti thossha obbligata li tipprotegi vittmi debboli tas-socjeta` li mhumiex kapaci jiehdu hsieb lilhom infushom.

Illi l-Qorti rat is-sentenza mghotija mill-Qorti tal-Appelli Kriminali fl-ismijiet **il-Pulizija vs Stephen Spiteri** deciza nhar it-tnejn u ghoxrin ta’ Settembru, 1993 fejn dik il-Qorti rriteniet illi;

*"Huwa opportun illi tnehhi l-impressjoni illi l-iskop tal-ligi kriminali u tal-piena, hu biss illi jkun ta' deterrent biex jghallem lil dak li jkun illi "crime does not pay". Hu certament kuncett illi ghamel zmienu kemm il-kuncett predominanti, pero' illum kuncett mhuwiex aktar ta' piena retributtiva imma ta' sistema restorattiva, fejn jekk hu possibbli u safejn hu possibbli, u tenut kont anki tac-cirkostanzi kollha tal-kaz, ukoll tal-precedenti kriminali tal-imputat isir tentattiv biex mhux biss issir rikonciljazzjoni bejn l-agent tad-delitt u l-vittma li tkun soffriet danni u anki sofferenzi ohrajn imma anki illi jkun hemm possibilita` illi dak li jkun jigi riformat u jikkonvinci ruhu illi ghandu jsegwi t-triq it-tajba".*

Illi m'hemmx dubbju li skond l-ufficjal tal-Probation l-imputat illum qed isegwi t-triq it-tajba tant li qed jahdem u jiehu hsbieb lil bintu.

Illi din il-Qorti kienet tkun ferm soddisfatta kieku setghet timponi piena karcerarja sospiza sabiex l-effetti tas-sentenza tkun bhal mannara mdendla fuq ras l-imputat. Pero' minhabba dak li jiddisponi l-artikolu 28A (7) (c) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, tali piena ma tistax tinghata.

In vista ta' dak li rrizulta lill-Qorti u fid-dawl tar-rakkomandazzjoni tal-Ufficjal tal-Probation il-Qorti ma thossx illi ghandha tapplika piena karcerarja, ghalkemm tenfasizza li r-reati in kwistjoni huma serji.

Il-Qorti rat ukoll is-***sentenza mghotija minnha nhar it-tmintax ta' Ottubru, 1999*** fl-ismijiet **il-Pulizija vs Aaron Pavia et** fejn fuq akkuzi simili kienet ikkundannat lill-imputati ghall-piena karcerarja ta' tlett snin u nofs.
Rat ukoll is-sentenza mghotija mill-***Qorti tal-Appelli fl-ismijiet premessi nhar is-sitta u ghoxrin ta' Jannar, 2001*** fejn dik il-Qorti biddlet dik il-piena minn wahda ta' prigunerija ghal wahda ta' probation u dan ghaliex fil-fehema ta' dik il-Qorti bniedem ghandu jinghata "a second chance" jekk il-Qorti tkun konvinta li l-imputat juri x-xewqa li jbiddel hajjtu.

Illi minn dak li jirrizulta aktar ‘l fuq jirrizulta li proprju dak hu li jrid jaghmel l-imputat.

**Il-Qorti ghalhekk wara li rat l-artikoli tal-ligi mibghuta mill-Avukat Generali u cioe` Artikoli 261(b)(c), 263, 264, 265, 266, 267, 278, 330, 279(a), 280, 86, 221, 17(b), 20, 23 u 533 tal-Kap 9 u l-artikoli 7 u 23 tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta tiddikjara li ssib lill-imputat KEVIN PSAILA hati tal-akkuzi kif addebitati fil-konfront tieghu fuq ammissjoni tieghu stess u tiddeciedi li f’dawn ic-cirkostanzi l-piena idoneja ghandha tkun dik ta’ ordni ta’ probation ai termini tal-artikolu 7 tal-Kap 446.**

**Ghalhekk qiegha tpoggi lill-imputat taht ordni ta’ probation ghall-perjodu massimu permess mill-ligi ta’ tlett snin kif ukoll qieghda tapplika id-disposizzjoni tal-artikolu 24 (1) tal-istess Kap fis-sens illi tordna lill-imputat jghaddi s-somma ta’ hames mitt lira Maltin (Lm500) in linea ta’ kumpens lill-vittma Guzeppi Vassallo. Tordna li l-hlas ta’ dak il-kumpens ghandu jsir mill-imputat fi zmien sitt xhur mill-llum.**

**Tordna li kopja ta’ din is-sentenza tigi notifikata lid-Direttur tas-Servizzi tal-Probation sabiex jigi nominat l-ufficjal idejali ghall-dan il-ghan.**

**Il-Qorti qieghda tannetti kopja tal-ordni tal-probation taghha bil-kundizzjonijiet hemm imposti ma din is-sentenza.**

**Il-Qorti qieghda ukoll tikkundanna lill-imputat ihallas multa ta’ mitt lira maltin (Lm 100) ai termini tal-artikolu 21 (2) tal-Kap 446 peress li sabitu hati rigwardanti ksur ta’ zewg ordnijiet tal-Probation mghotija minn din il-Qorti diversament preseduta nhar l-ghoxrin ta’ Gunju, 2002 u it-tmienja u ghoxirn ta’ Marzu, 2003.**

**Din il-Qorti hija konxja tal-fatt illi l-imputat ma jistax jitqies illi huwa recidiv fid-dawl ta’ din is-sentenza f’kaz li jikkommetti reat iehor, stante li hija tat ordni ta’ probation, pero’ dan hi ghamlitu sabiex f’kaz li l-**

**imputat ma jottemprax ruhhu mal-ordni tal-Probation mghotija lilu llum, huwa jkun jista' jigi gudikat minn din il-Qorti mill-gdid ai fini ta' piena ai termini tal-artikolu 21 tal-Kap 446 u b'hekk l-effett ta' mannara fuq ras l-imputat jibqa hemm.**

**Il-Qorti fissret fi kliem car l-import ta' din s-sentenza lil imputat u x'jigri jekk jonqos li joservha.**

**L-imputat jiddikjara li fehem ben tajjeb l-import ta' din s-sentenza.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------